# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 45

It-Tlieta, l-1 ta' Marzu, 2011

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fis-6.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Peter Buontempo, Mario Camenzuli, Vince Farrugia.

Il-Vici Sindku informa li kien indispost u l-Kunsillieri Borg infurmat li hi rikoverata l-isptar u ghalhekk gew skuzati.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

Qabel bdiet is-Seduta, il-Kunsill kellu laqgha ta' introduzzjoni mal-Kunsill Lokali taz-Zghazagh fejn gie spjegat li l-aktar problema li ghandhom hija li m'ghandhomx post fejn ikunu jistghu jiltaqghu. Bhalissa dawn qed jiltaqghu fis-sala tal-Kunsill izda huma limitati kemm fil-hin kif ukoll fl-ispazju. Is-Sindku, f'isem il-Kunsill, wieghed li kien ser jghin bl-ahjar mod dwar dan.

Il-Kunsill kellu wkoll prezentazzjoni mis-Sur Dennis Darmanin dwar l-istorja u l-uzu tal-Main Guard matul iz-zmien.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 43 li saret nhar il-Hamis, 27 ta' Jannar, 2011 kienu konfermati wara li fit-tielet paragrafu taht l-item 'Korrispondenza', wara kliem ". . . sabiex jiggestixxi attivita`", tidhol il-kelma "kummercjali" u fl-ewwel paragrafu taht l-item 'Mistoqsijiet', flok il-kliem "Triq ir-Repubblika" jidhol il-kliem "Triq Merkanti".

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***L-arblu tal-bandiera tal-Kunsill***
Il-Kunsillier Azzopardi staqsa jekk fl-eventwalita` li l-Valletta FC jirbhu l-kampjonat tal-football, jistghux itellghu bandiera ma' l-arblu tal-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li d-decizjoni fl-ahhar seduta kienet li hadd ma jista' jdendel bnadar ma' l-arblu tal-Kunsill. Il-Kunsillier Farrugia qal li hu kien jaqbel ma' l-ewwel proposta ta' l-Ghaqda tal-Pawlini, izda meta l-Kunsill ha din id-decizjoni, huwa kien qabel maghha.

***Id-dawl ta' Gnien Hastings***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-dawl fil-parti ta' fuq ta' Gnien Hastings kien lest u l-gate biex tifred il-parti ta' fuq tal-gnien mill-parti t'isfel kienet kwazi lesta.

***Allowance/Bonus lis-Sinjorina Gabriella Agius***
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li gie nfurmat li jkun aktar idoneju li l-allowance lis-Sinj. Gabriella Agius jinghata f'forma ta' Performace Bonus milli Disturbance Allowance. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

***Karnival***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt laqgha dwar il-permessi tal-kiosks fi zmien il-karnival kien hemm decizjoni li dawn jitqieghdu fil-parking area hdejn l-Education u ghalhekk minhabba problema ta' spazju, ma jistghux jinhargu permessi fil-Belt.

## KORRISPONDENZA

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill gie nfurmat minn CareMalta dwar Nazzareno Vassallo Award ghal inizjattivi fil-kura ta' l-anzjani;

- Il-Kunsill approva t-talba ta' Emmanuel Delicata sabiex jerga' jsir id-Delicata Classic Wine Festival 2011 mill-4 sas-7 ta' Awwissu gewwa l-Barrakka ta' Fuq;

- Dwar talba mis-Sur Freddie Spiteri ghal reserved parking fi Triq il-Ghajn, il-Kunsill inkariga lill-Kunsillier Camenzuli sabiex jara ezattament x'ghandu bzonn l-applikant;

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Skema Programm ta' manutenzjoni f'binjiet tal-Gvern***
Is-Sindku spjega kif ser tithaddem din l-iskema bejn l-Awtorita` tad-Djar u l-Kunsilli Lokali. Huwa ppropona li fil-harga li jmiss tal-magazine tal-Kunsill, tinhareg sejha ghal min hu nteressat f'din l-iskema, b'mod partikolari ghal dawk li huma lesti joholqu assocjazzjoni tar-residenti. Kien hemm qbil dwar dan.

***Valletta Cultural Ambassador***
Is-Sindku ppropona li meta aktar tard din is-sena jigi f'Malta l-kantant Cliff Richard, dan jinghata r-rikonoxximent ta' Valletta Cultural Ambassador. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill kollu ikollu l-opportunita` jiltaqa' mieghu.

**MISTOQSIJIET**

Il-Kunsillier Farrugia staqsa lis-Sindku fiex kien wasal il-process biex jigi impjegat Works Manager mal-Kunsill.

Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghadu qed jistenna mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa x'kundizzjonijiet dahlu bihom il-haddiema klerikali? Xi process intuza biex dawn bdew jahdmu mal-Kunsill? Is-Segretarju jista' jpoggi fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwalifiki taghhom u li dawn huma konformi mal-ligi u l-ftehim kollettiv?

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa ghal liema haddiema klerikali kien qieghed jirreferi.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li kien qed jirreferi ghall-impjieg ta' Tony Galea u Emy Micallef.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dawn jitressqu f'seduta li jmiss minhabba li ma kienx car ghal liema impjegati kienet qed tirreferi l-mistoqsija.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa wkoll jekk il-Kunsill ghandux il-hsieb li jitlob ghal aktar haddiema u jekk iva, x-xoghol se jkunu qed jaghmlu u ghaliex hemm il-htiega ta' l-ingagg taghhom? F'dan il-kaz, xi procedura se tigi addottata?

Is-Sindku wiegeb li kif informa lill-Kunsill fis-Seduta precedenti, kien kiteb lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said dwar il-possibilta` li l-kunsill jimpjega works

manager u dan minhabba n-natura tax-xoghol u attivitajiet li jsiru fil-Belt. Jekk it-talba tintlaqa', ser tintuza l-procedura stabbilita bil-Ligi.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa x'inhuma r-ragunijiet li l-Kunsill hass li ghandu bzonn haddiem iehor?

Is-Sindku wiegeb li hemm bzonn persuna li tiehu hsieb il-maintenance varju li jinhtieg isir u li bhalissa huwa inezistenti. L-idea hija li dan jimxi fuq il-mudell tal-persuna li tiehu hsieb Pjazza San Gorg.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa x'se tkun il-job description tieghu?

Is-Sindku wiegeb 'Works Manager'.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa meta saret it-talba mill-amministrazzjoni ghal impjegat gdid u l-approvazzjoni mill-Kunsill ghaliha?

Is-Sindku wiegeb li kien informa b'dan lill-Kunsill fis-Seduta Nru. 43 li saret fis-27 ta' Jannar, 2011 u kulhadd qabel ma' dan.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa jekk hargux sejhiet fil-Kunsilli Lokali kif inhi l-procedura normali?

Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghadu qed jistenna l-approvazzjoni ghal dan mid-Dipartiment.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa jekk is-Sindku hux qed ikun infurmat bil-progetti li ghaddejjin fil-Belt.

Is-Sindku wiegeb li hu jkollu laqghat regolari mas-Sur Chris Paris tal-GHRC dwar dawn il-progetti.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li ghandu informazzjoni li kienet instabet mina fejn qed isir il-Bus Terminus il-gdid u staqsa lis-Sindku jekk kienx infurmat biha.

Is-Sindku wiegeb li mhux infurmat.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa wkoll jekk kull pagament li jsir, dejjem tkun approvata n-nefqa tieghu f'seduti precedenti?

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li n-nefqiet u l-pagamenti jigu approvati mill-Kunsill qabel jigu effetwati b'eccezzjoni ghal dawk li jsiru b'mod urgenti u li wara xorta jkunu nkluzi fil-lista tal-pagamenti.

## IL-MONTI TAL-HADD

Il-Kunsillier Camenzuli ressaq il-mozzjoni Nru. VI/44-1 biex il-Kunsill jahdem sabiex il-monti tal-Hadd jintrama fi Triq Merkanti.

Is-Sindku qal li dan il-monti ma jaqax taht ir-responsabilta` diretta tal-Kunsill u ghalkemm qieghed il-Belt, il-parti fejn jarma, ma taqax taht il-kompetenza tal-Kunsill. Is-Sindku qal li hu jaqbel li l-Kunsill jghin lil tal-monti.

Il-Kunsillier Camenzuli qal li hu qieghed jipproponi li l-monti jsir fi Triq Merkanti minn Triq Melita 'l isfel sakemm jidhlu l-bejjiegha kollha.

Is-Sindku qal li hu ma kienx jaqbel ma' dan minhabba l-inkonvenjent, anki fil-parking, li se joholqu lir-residenti anki l-Hadd.

Il-Kunsillier Farrugia qal li din mhux decizjoni tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillieri Azzopardi u Camenzuli qalu li l-Kunsill ghandu jipproponi u mhux jiddeciedi.

Is-Sindku u l-Kunsillier Farrugia sostnew li dan ser ikun ta' inkonvenjent kbir ghar-residenti.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li hu kien jaqbel mal-mozzjoni izda dawn ghandhom jaslu safejn jarmaw illum jigifieri ma jaqbilx li jkun ta' inkonvenjent ghar-residenti.

Is-Sindku ppropona li ghandu jsir studju serju qabel ma l-Kunsill jaghmel proposta bhal din sabiex jizgura li jkun hemm spazju ghal kulhadd.

Il-Kunsillier Buontempo qal li jkun redikolu li l-Kunsill jaghmel statement issa wara l-laqghat li kienu saru u issa jidher li kien hemm qbil.

B'zewg voti favur u tliet voti kontra, il-mozzjoni m'ghaddietx.

## ZJIEDA TA' MARKI HODOR FI TRIQ SAN BASTJAN

Il-Kunsillier Camenzuli ressaq il-mozzjoni nru. VI/44-2 sabiex jizdiedu aktar marki hodor ghar-residenti fi Triq San Bastjan.

Is-Sindku qal li hawnhekk il-marki minn dejjem kienu bojod u ressaq emenda biex flok il-kliem fil-mozzjoni jidhol il-kliem "Il-Kunsill jitlob lil Transport Malta biex fi Triq San Bastjan isiru aktar parking bays hodor flok dawk bojod".

Il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni kif emendata mis-Sindku -- *Rizoluzzjoni Nru. VI/44-1*.

## AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

Ma kienx hemm bzonn ta' xiri ta' oggetti/servizzi.

**AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET**

Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet imnizzla fil-lista annessa (Appendici A)

Il-Kunsill awtorizza wkoll il-hlas ta' €150 lill-contract manager Domnic Polidano ghax-xoghol tieghu waqt il-festi tal-karnival.

**TMIEM**

Fis-7.30pm giet aggornata s-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku